MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**NADIA H. VELLA**

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2013

Talba Numru. 487/2013

**Michael Attard Limited (C32362)**

**vs.**

**Emanuel Mifsud K.I. 65960(M)**

It-Tribunal

Ra l-Avviż tat-talba fl-ismijiet premessi li permezz tiegħu is-soċjeta` attriċi talbet il-ħlas tas-somma ta' elf, seba' mija u erbgħa u sittin Ewro u ħamsa u ħamsin ċenteżmu (€1764.55), dovuta mill-konvenut lis-soċjeta` attriċi, rappreżentanti import ta' disa' kambjali skaduti, aċċettati u ffirmati mid-debitur.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenut ġie debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-avviż tas-Seduta, huwa ma kkontestax il-kawża fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma deher għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-soċjeta` attriċi u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u għalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-soċjeta` attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallas lis-soċjeta` attriċi is-somma ta' elf, seba' mija u erbgħa u sittin Ewro u ħamsa u ħamsin ċenteżmu (€1764.55), bl-imgħax legali dekorribbli mid-data tal-iskadenza ta' kull kambjala, sad-data tal-pagament effettiv. L-ispejjeż, inkluż tal-mandat ta' qbid u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorji ippreżentati kontestwalment mal-Avviż tat-Talba, huma a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------